**Dan it-test hu maħsub purament bħala għodda ta' dokumentazzjoni u m'għandu l-ebda effett legali. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni m'għandhom l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu. Il-verżjonijiet awtentiċi tal-atti rilevanti, inklużi l-preamboli tagħhom, huma dawk ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u disponibbli f'EUR-Lex. Dawk it-testi uffiċjali huma aċċessibbli direttament permezz tal-links inkorporati f'dan id-dokument**

►B

# REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/86

## tal-20 ta' Ottubru 2016

## li jistabbilixxi pjan ta' skartar għal ċertu sajd demersali fil-Baħar Mediterran

(ĠU L 14, 18.1.2017, p. 4)

Emendat minn:

| | | Ġurnal Uffiċjali | | |
|---|---|---|---|---|
| | | Nru | Paġna | Data |
| ►M1 | Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/153 tat-23 ta' Ottubru 2017 | L 29 | 1 | 1.2.2018 |
| ►M2 | Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/542 tat-22 ta' Jannar 2018 | L 90 | 61 | 6.4.2018 |
| ►M3 | Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/2036 tat-18 ta' Ottubru 2018 | L 327 | 27 | 21.12.2018 |
| ►M4 | Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/4 tad-29 ta' Awwissu 2019 | L 2 | 5 | 6.1.2020 |

▼B

**REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/86**

**tal-20 ta' Ottubru 2016**

**li jistabbilixxi pjan ta' skartar għal ċertu sajd demersali fil-Baħar Mediterran**

*L-Artikolu 1*

**L-implimentazzjoni tal-obbligu tal-ħatt l-art**

L-obbligu tal-ħatt l-art stipulat fl-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 għandu japplika fil-Baħar Mediterran għas-sajd kif stabbilit fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

L-obbligu tal-ħatt l-art għandu japplika għall-ispeċijiet imsemmija f'dak l-Anness meta jinqabdu waqt attivitajiet tas-sajd fl-ilmijiet tal-Unjoni jew minn bastimenti tas-sajd tal-Unjoni f'ilmijiet barra dawk tal-Unjoni li mhumiex suġġetti għas-sovranità jew għall-ġurisdizzjoni ta' xi pajjiż terz.

*L-Artikolu 2*

**Definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) "il-Baħar Mediterran" tfisser l-ilmijiet marittimi tal-Mediterran fl-Ilvant tal-linja 5°36′ tal-Punent;

(b) "is-Sottożoni Ġeografiċi tal-GFCM" tfisser is-Sottożoni Ġeografiċi tal-Kummissjoni Ġenerali għas-Sajd fil-Mediterran (GFCM) kif inhuma ddefiniti fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1343/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]);

(c) ►M1 "il-Punent tal-Baħar Mediterran" tfisser is-Subżoni Ġeografiċi tal-GFCM 1, 2, 5, 6, 7, 8, 9, 10, 11.1, 11.2, u 12; ◄

(d) "il-Baħar Adrijatiku" tfisser is-Sottożoni Ġeografiċi 17 u 18 tal-GFCM;

▼M4

(e) "ix-xlokk tal-Mediterran tfisser" is-subżoni ġeografiċi 14, 15, 16, 19, 20, 21, 22, 23, 24, 25, 26 u 27 tal-GFCM.

([1]) Ir-Regolament (UE) Nru 1343/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar ċerti dispożizzjonijiet għas-sajd fiż-żona tal-Ftehim tal-GFCM (il-Kummissjoni Ġenerali tas-Sajd għall-Baħar Mediterran) u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006 dwar miżuri ta' ġestjoni għall-isfruttament sostenibbli ta' riżorsi tas-sajd fil-Baħar Mediterran (ĠU L 347, 30.12.2011, p. 44).

▼M3

*L-Artikolu 3*

**Eżenzjoni ta' sopravivenza**

1. L-eżenzjoni mill-obbligu tal-ħatt l-art skont l-Artikolu 15(4)(b) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 għall-ispeċijiet li dwarhom l-evidenza xjentifika turi rati għoljin ta' sopravivenza għandha tapplika:

(a) għal-lingwata komuni (*Solea solea*) maqbuda bir-rapido (TBB) ([1]) fil-Baħar Adrijatiku sal-31 ta' Diċembru 2019;

(b) għall-pellegrini (*Pecten jacobeus*) maqbuda bil-gangmi mekkanizzati (HMD) fil-Punent tal-Baħar Mediterran;

(c) għall-vongole (l-ispeċijiet *Venerupis*) maqbuda bil-gangmi mekkanizzati (HMD) fil-Punent tal-Baħar Mediterran;

(d) għall-gandoffli ta' Venere (l-ispeċijiet *Venus*) maqbuda bil-gangmi mekkanizzati (HMD) fil-Punent tal-Baħar Mediterran;

(e) għall-iskampu (*Nephrops norvegicus*) maqbud bix-xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ kollha (OTB, OTT, PTB, TBN, TBS, TB, OT, PT u TX) fil-Punent tal-Baħar Mediterran, fil-Baħar Adrijatiku u fix-Xlokk tal-Baħar Mediterran;

(f) għall-iskampu (*Nephrops norvegicus*) maqbud bin-nases u bix-xbieki tat-tidwir (FPO, FIX) fil-Punent tal-Baħar Mediterran, fil-Baħar Adrijatiku u fix-Xlokk tal-Baħar Mediterran sal-31 ta' Diċembru 2019;

▼M4

(g) għall-paġella ħamra (*Pagellus bogaraveo*) maqbuda bis-snanar u bil-konzijiet (LHP, LHM, LLS, LLD, LL, LTL, LX) fil-Punent tal-Baħar Mediterran;

(h) għall-awwista Ewropea (*Homarus gammarus*) maqbuda bix-xbieki (GNS, GN, GND, GNC, GTN, GTR, GEN) kif ukoll bin-nases u bix-xbieki tat-tidwir (FPO, FIX) fil-Punent tal-Baħar Mediterran, fil-Baħar Adrijatiku u fix-Xlokk tal-Baħar Mediterran;

(i) għall-awwista (*Palinuridae*) maqbuda bix-xbieki (GNS, GN, GND, GNC, GTN, GTR, GEN) kif ukoll bin-nases u bix-xbieki tat-tidwir (FPO, FIX) fil-Punent tal-Baħar Mediterran, fil-Baħar Adrijatiku u fix-Xlokk tal-Baħar Mediterran.

▼M3

2. Il-lingwata komuni (*Solea solea*), il-pellegrini (*Pecten jacobeus*), il-vongole (l-ispeċijiet *Venerupis*), il-gandoffli ta' Venere (l-ispeċijiet *Venus*), l-iskampu (*Nephrops norvegicus*), il-paġella ħamra (*Pagellus bogaraveo)*, l-awwisti (*Homarus gammarus*) u l-awwisti mxewka (*Palinuridae*) maqbuda fiċ-ċirkostanzi msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jiġu rrilaxxati minnufih fiż-żona fejn ikunu nqabdu.

---

([1]) Il-kodiċijiet tal-irkaptu li ntużaw f'dan ir-Regolament jirreferu għall-kodiċijiet fl-Anness XI tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 404/2011 tat-8 ta' April 2011 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd (ĠU L 122, 30.4.2011, p. 1). Għall-bastimenti li t-tul totali (LOA) tagħhom huwa inqas minn 10 metri, il-kodiċijiet tal-irkaptu li ntużaw f'dan ir-Regolament jirreferu għall-kodiċijiet mill-klassifikazzjoni tal-irkaptu tal-FAO.

▼M3

3. Sal-1 ta' Mejju 2019, l-Istati Membri li għandhom interess dirett fil-ġestjoni tas-sajd fil-Baħar Mediterran għandhom jippreżentaw id-*data* addizzjonali dwar il-qbid skartat lill-Kummissjoni apparti dik prevista fir-rakkomandazzjonijiet konġunti ta' Ġunju 2018 kif emendati f'Awwissu 2018, jew kwalunkwe informazzjoni xjentifika rilevanti oħra li tappoġġa l-eżenzjoni stipulata fil-paragrafi 1(a), 1(f), 1(g), 1(h) u 1(i). Il-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd (STECF) għandu jivvaluta dik id-*data* u dik l-informazzjoni sa mhux iktar tard minn Lulju 2019.

*L-Artikolu 4*

***Eżenzjoni* de minimis**

1. B'deroga mill-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, jistgħu jiġu skartati skont l-Artikolu 15(4)(c) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 il-kwantitajiet ta' speċijiet li ġejjin:

(a) fil-Punent tal-Baħar Mediterran (il-punt 1 tal-Anness):

(i) għall-merluzz (*Merluccius merluccius*) u għat-trill (l-ispeċijiet *Mullus*), sa massimu ta' 6 % tal-qabdiet annwali totali ta' dawk l-ispeċijiet mill-bastimenti li jużaw ix-xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ fl-2019 u fl-2020, u sa massimu ta' 5 % fl-2021;

(ii) għall-merluzz (*Merluccius merluccius*) u għat-trill (l-ispeċijiet *Mullus*), sa massimu ta' 1 % tal-qabdiet annwali totali ta' dawk l-ispeċijiet mill-bastimenti li jużaw l-għeżula u l-pariti;

▼M4

(iii) għall-ispnotta (*Dicentrarchus labrax*), għall-isparlu (*Diplodus annularis*), għall-mogħża (*Diplodus puntazzo*), għas-sargu (*Diplodus sargus*), għax-xirgien (*Diplodus vulgaris*), għaċ-ċerna (*Epinephelus spp.*), għall-ajula (*Lithognathus mormyrus*), għall-bażuga (*Pagellus acarne*), għall-paġella ħamra (*Pagellus bogaraveo*), għall-paġella (*Pagellus erythrinus*), għall-pagru (*Pagrus pagrus*), għall-ħanżir tal-fond (*Polyprion americanus*), għal-lingwata komuni (*Solea solea*) u għall-awrata (*Sparus aurata*) u għall-gamblu abjad (*Parapenaeus longirostris*), sa massimu ta’ 5 % tal-qabdiet annwali totali ta’ dawk l-ispeċijiet mill-bastimenti li jużaw ix-xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ;

(iv) għall-ispnotta (*Dicentrarchus labrax*), għall-isparlu (*Diplodus annularis*), għall-mogħża (*Diplodus puntazzo*), għas-sargu (*Diplodus sargus*), għax-xirgien (*Diplodus vulgaris*), għaċ-ċerna (*Epinephelus spp.*), għall-mingus (*Lithognathus mormyrus*), għall-bażuga (*Pagellus acarne*), għall-paġella ħamra (*Pagellus bogaraveo*), għall-paġella (*Pagellus erythrinus*), għall-pagru (*Pagrus pagrus*), għall-ħanżir tal-fond (*Polyprion americanus*), għal-lingwata komuni (*Solea solea*) u għall-awrata (*Sparus aurata*), sa massimu ta’ 3 % tal-qabdiet annwali totali ta’ dawk l-ispeċijiet mill-bastimenti li jużaw l-għeżula u l-pariti;

(v) għall-ispnotta (*Dicentrarchus labrax*), għall-isparlu (*Diplodus annularis*), għall-mogħża (*Diplodus puntazzo*), għas-sargu (*Diplodus sargus*), għax-xirgien (*Diplodus vulgaris*), għaċ-ċerna (*Epinephelus spp.*), għall-ajula (*Lithognathus mormyrus*), għall-bażuga (*Pagellus acarne*), għall-paġella (*Pagellus erythrinus*), għall-pagru (*Pagrus pagrus*), għall-ħanżir tal-fond

▼M4

(*Polyprion americanus*), għal-lingwata komuni (*Solea solea*) u għall-awrata (*Sparus aurata*), sa massimu ta' 1 % tal-qabdiet annwali totali ta' dawk l-ispeċijiet mill-bastimenti li jużaw is-snanar u l-konzijiet;

(vi) għall-inċova (*Engraulis encrasicolus*), għas-sardin (*Sardina pilchardus*), għall-kavall (*Scomber* spp.) u għas-sawrell (*Trachurus* spp.), sa massimu ta' 5 % tal-qabdiet aċċessorji annwali totali ta' dawk l-ispeċijiet mill-bastimenti li jużaw ix-xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ.

▼M3

(b) fil-Baħar Adrijatiku (il-punt 2 tal-Anness):

(i) għall-merluzz (*Merluccius merluccius*) u għat-trill (l-ispeċijiet *Mullus*), sa massimu ta' 6 % fl-2019 u fl-2020 u sa massimu ta' 5 % fl-2021 tal-qabdiet annwali totali ta' dawk l-ispeċijiet mill-bastimenti li jużaw ix-xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ;

(ii) għall-merluzz (*Merluccius merluccius*) u għat-trill (l-ispeċijiet *Mullus*), sa massimu ta' 1 % tal-qabdiet annwali totali ta' dawk l-ispeċijiet mill-bastimenti li jużaw l-għeżula u l-pariti;

(iii) għall-merluzz (*Merluccius merluccius*) u għat-trill (l-ispeċijiet *Mullus*), sa massimu ta' 1 % tal-qabdiet annwali totali ta' dawk l-ispeċijiet mill-bastimenti li jużaw ir-rapido (TBB);

(iv) għal-lingwata komuni (*Solea solea*), sa massimu ta' 3 % tal-qabdiet annwali totali ta' dawk l-ispeċijiet mill-bastimenti li jużaw ix-xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ;

▼M4

(v) għall-ispnotta (*Dicentrarchus labrax*), għall-isparlu (*Diplodus annularis*), għall-mogħża (*Diplodus puntazzo*), għas-sargu (*Diplodus sargus*), għax-xirgien (*Diplodus vulgaris*), għaċ-ċerna (*Epinephelus spp.*), għall-ajula (*Lithognathus mormyrus*), għall-bażuga (*Pagellus acarne*), għall-paġella ħamra (*Pagellus bogaraveo*), għall-paġella (*Pagellus erythrinus*), għall-pagru komuni (*Pagrus pagrus*), għall-ħanżir tal-fond (*Polyprion americanus*), għall-awrata (*Sparus aurata*) u għall-gamblu abjad (*Parapenaeus longirostris*), sa massimu ta' 5 % tal-qabdiet annwali totali ta' dawk l-ispeċijiet mill-bastimenti li jużaw ix-xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ;

(vi) għall-ispnotta (*Dicentrarchus labrax*), għall-isparlu (*Diplodus annularis*), għall-mogħża (*Diplodus puntazzo*), għas-sargu (*Diplodus sargus*), għax-xirgien (*Diplodus vulgaris*), għaċ-ċerna (*Epinephelus spp.*), għall-mingus (*Lithognathus mormyrus*), għall-bażuga (*Pagellus acarne*), għall-paġella ħamra (*Pagellus bogaraveo*), għall-paġella (*Pagellus erythrinus*), għall-pagru (*Pagrus pagrus*), għall-ħanżir tal-fond (*Polyprion americanus*), għal-lingwata komuni (*Solea solea*) u għall-awrata (*Sparus aurata*), sa massimu ta' 3 % tal-qabdiet annwali totali ta' dawk l-ispeċijiet mill-bastimenti li jużaw l-għeżula u l-pariti;

(vii) għall-ispnotta (*Dicentrarchus labrax*), għall-isparlu (*Diplodus annularis*), għall-mogħża (*Diplodus puntazzo*), għas-sargu (*Diplodus sargus*), għax-xirgien (*Diplodus vulgaris*), għaċ-ċerna (*Epinephelus spp.*), għall-ajula (*Lithognathus mormyrus*), għall-bażuga (*Pagellus acarne*), għall-paġella

▼M4

(*Pagellus erythrinus*), għall-pagru komuni (*Pagrus pagrus*), għall-ħanżir tal-fond (*Polyprion americanus*), għal-lingwata komuni (*Solea solea*) u għall-awrata (*Sparus aurata*), sa massimu ta' 1 % tal-qabdiet annwali totali ta' dawk l-ispeċijiet mill-bastimenti li jużaw is-snanar u l-konzijiet;

(viii) għall-inċova (*Engraulis encrasicolus*), għas-sardin (*Sardina pilchardus*), għall-kavall (*Scomber* spp.) u għas-sawrell (*Trachurus* spp.), sa massimu ta' 5 % tal-qabdiet aċċessorji annwali totali ta' dawk l-ispeċijiet mill-bastimenti li jużaw ix-xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ;

▼M3

(c) fix-Xlokk tal-Baħar Mediterran (il-punt 3 tal-Anness):

(i) għall-merluzz (*Merluccius merluccius*) u għat-trill (l-ispeċijiet *Mullus*), sa massimu ta' 6 % tal-qabdiet annwali totali ta' dawk l-ispeċijiet mill-bastimenti li jużaw ix-xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ fl-2019 u fl-2020, u sa massimu ta' 5 % fl-2021;

(ii) għall-merluzz (*Merluccius merluccius*) u għat-trill (l-ispeċijiet *Mullus*), sa massimu ta' 1 % tal-qabdiet annwali totali ta' dawk l-ispeċijiet mill-bastimenti li jużaw l-għeżula u l-pariti;

(iii) għall-gamblu abjad (*Parapenaeus longirostris*), sa massimu ta' 6 % tal-qabdiet annwali totali ta' dik l-ispeċi mill-bastimenti li jużaw ix-xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ fl-2019 u fl-2020, u sa massimu ta' 5 % fl-2021;

▼M4

(iv) għall-ispnotta (*Dicentrarchus labrax*), għall-isparlu (*Diplodus annularis*), għall-mogħża (*Diplodus puntazzo*), għas-sargu (*Diplodus sargus*), għax-xirgien (*Diplodus vulgaris*), għaċ-ċerna (*Epinephelus spp.*), għall-mingus (*Lithognathus mormyrus*), għall-bażuga (*Pagellus acarne*), għall-paġella ħamra (*Pagellus bogaraveo*), għall-paġella (*Pagellus erythrinus*), għall-pagru (*Pagrus pagrus*), għall-ħanżir tal-fond (*Polyprion americanus*), għal-lingwata komuni (*Solea solea*) u għall-awrata (*Sparus aurata*), sa massimu ta' 5 % tal-qabdiet annwali totali ta' dawk l-ispeċijiet mill-bastimenti li jużaw ix-xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ;

(v) għall-ispnotta (*Dicentrarchus labrax*), għall-isparlu (*Diplodus annularis*), għall-mogħża (*Diplodus puntazzo*), għas-sargu (*Diplodus sargus*), għax-xirgien (*Diplodus vulgaris*), għaċ-ċerna (*Epinephelus spp.*), għall-mingus (*Lithognathus mormyrus*), għall-bażuga (*Pagellus acarne*), għall-paġella ħamra (*Pagellus bogaraveo*), għall-paġella (*Pagellus erythrinus*), għall-pagru (*Pagrus pagrus*), għall-ħanżir tal-fond (*Polyprion americanus*), għal-lingwata komuni (*Solea solea*) u għall-awrata (*Sparus aurata*), sa massimu ta' 3 % tal-qabdiet annwali totali ta' dawk l-ispeċijiet mill-bastimenti li jużaw l-għeżula u l-pariti;

(vi) għall-ispnotta (*Dicentrarchus labrax*), għall-isparlu (*Diplodus annularis*), għall-mogħża (*Diplodus puntazzo*), għas-sargu (*Diplodus sargus*), għax-xirgien (*Diplodus vulgaris*), għaċ-ċerna (*Epinephelus spp.*), għall-ajula (*Lithognathus mormyrus*), għall-bażuga (*Pagellus acarne*), għall-paġella (*Pagellus erythrinus*), għall-pagru (*Pagrus pagrus*), għall-ħanżir tal-fond (*Polyprion americanus*), għal-lingwata komuni (*Solea solea*) għall-merluzz (*Merluccius merluccius*) u għall-awrata (*Sparus aurata*), sa massimu ta' 1 % tal-qabdiet annwali totali ta' dawk l-ispeċijiet mill-bastimenti li jużaw is-snanar u l-konzijiet;

▼M4

(vii) għall-inċova (*Engraulis encrasicolus*), għas-sardin (*Sardina pilchardus*), għall-kavall (*Scomber* spp.) u għas-sawrell (*Trachurus* spp.), sa massimu ta’ 5 % tal-qabdiet aċċessorji annwali totali ta’ dawk l-ispeċijiet mill-bastimenti li jużaw ix-xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ.

▼M3

2. Sal-1 ta' Mejju 2019, l-Istati Membri li għandhom interess dirett fil-ġestjoni tas-sajd fil-Baħar Mediterran għandhom jippreżentaw id-*data* addizzjonali dwar il-qbid skartat lill-Kummissjoni apparti dik prevista fir-rakkomandazzjonijiet konġunti ta' Ġunju 2018 kif emendati f'Awwissu 2018, jew kwalunkwe informazzjoni xjentifika rilevanti oħra li tappoġġa l-eżenzjonijiet stipulati fil-paragrafi 1(a)(iii) sa (vi), 1(b)(v) sa (viii) u 1(c)(iv) sa (vii). L-STECF għandu jivvaluta dik id-*data* u dik l-informazzjoni sa mhux iktar tard minn Lulju 2019.

▼B

*L-Artikolu 5*

**Il-lista tal-bastimenti**

1. L-Istati Membri kkonċernati għandhom jiddeterminaw, skont il-kriterji stipulati fl-Anness, liema bastimenti jkunu suġġetti għall-obbligu tal-ħatt l-art għal kull attività ta' sajd partikolari.

2. Sal-31 ta' Diċembru 2016, l-Istati Membri kkonċernati għandhom jippreżentaw lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra, permezz tas-sit web ta' kontroll tal-Unjoni, il-listi tal-bastimenti kollha li jistadu għall-merluzz, għat-trilja tal-ħama, għal-lingwata komuni u għall-gamblu roża tal-mediterran. Dawn il-listi għandhom jinżammu aġġornati.

*L-Artikolu 6*

**Id-dħul fis-seħħ u l-applikazzjoni**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

▼M3

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2017 sal-31 ta' Diċembru 2021.

▼B

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u huwa direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

▼M3

*ANNESS*

1. **Il-Punent tal-Baħar Mediterran**

| L-attività tas-sajd | Il-kodiċi tal-irkaptu | Deskrizzjoni tal-irkaptu tas-sajd | L-obbligu tal-ħatt l-art |
|---|---|---|---|
| **Merluzz** (*Merluccius merluccius*)<br>**Trill tal-qawwi u trill** (l-ispeċijiet *Mullus*)<br>*Il-kodiċijiet tal-FAO: MUT, MUR, MUX*<br>**Skampu** (*Nephrops norvegicus*)<br>**Gamblu abjad** tal-Mediterran (*Parapenaeus longirostris*)<br>**Spnotta** (*Dicentrarchus labrax*)<br>**Sparlu** (*Diplodus annularis*)<br>**Mogħża** (*Diplodus puntazzo*)<br>**Sargu** (*Diplodus sargus*)<br>**Xirgien** (*Diplodus vulgaris*)<br>**Ċerna** (l-ispeċijiet *Epinephelus*)<br>**Stripped sea bream** (*Lithognathus mormyrus*)<br>**Spanish sea bream** (*Pagellus acarne*)<br>**Paġella ħamra** (*Pagellus bogaraveo*)<br>**Paġilla** (*Pagellus erythrinus*)<br>**Pagru komuni** (*Pagrus pagrus*)<br>**Ħanżir tal-fond** (*Polyprion americanus*)<br>**Lingwata komuni** (*Solea vulgaris*)<br>**Awrat** (*Sparus aurata*)<br>*Qabdiet aċċessorji ta':*<br>**Inċova** (*Engraulis encrasicolus*)<br>**Sardin** (*Sardina pilchardus*)<br>**Kavall** (l-ispeċijiet *Scomber*)<br>**Sawrell** (l-ispeċijiet *Trachurus*) | OTB, OTT, PTB, TBN, TBS, TB, OT, PT, TX | Ix-xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ kollha | Il-qabdiet kollha huma soġġetti għall-obbligu tal-ħatt l-art |
| **Merluzz** (*Merluccius merluccius*)<br>**Trill tal-qawwi u trill** (l-ispeċijiet *Mullus*)<br>*Il-kodiċijiet tal-FAO: MUT, MUR, MUX*<br>**Spnotta** (*Dicentrarchus labrax*)<br>**Sparlu** (*Diplodus annularis*)<br>**Mogħża** (*Diplodus puntazzo*)<br>**Sargu** (*Diplodus sargus*)<br>**Xirgien** (*Diplodus vulgaris*)<br>**Ċerna** (l-ispeċijiet *Epinephelus*)<br>**Stripped sea bream** (*Lithognathus mormyrus*)<br>**Spanish sea bream** (*Pagellus acarne*)<br>**Paġella ħamra** (*Pagellus bogaraveo*)<br>**Paġilla** (*Pagellus erythrinus*)<br>**Pagru komuni** (*Pagrus pagrus*)<br>**Ħanżir tal-fond** (*Polyprion americanus*)<br>**Lingwata komuni** (*Solea vulgaris*)<br>**Awrat** (*Sparus aurata*) | LL, LLS, LLD, LX, LTL, LHP, LHM | Il-konzijiet kollha | Il-qabdiet kollha huma soġġetti għall-obbligu tal-ħatt l-art |

▼M3

| L-attività tas-sajd | Il-kodiċi tal-irkaptu | Deskrizzjoni tal-irkaptu tas-sajd | L-obbligu tal-ħatt l-art |
|---|---|---|---|
| **Merluzz** (*Merluccius merluccius*)<br>**Trill tal-qawwi u trill** (l-ispeċijiet *Mullus*)<br>*Il-kodiċijiet tal-FAO: MUT, MUR, MUX*<br>**Awwisti** (*Homarus gammarus*)<br>**Awwisti mxewka** (*Palinuridae*)<br>**Spnotta** (*Dicentrarchus labrax*)<br>**Sparlu** (*Diplodus annularis*)<br>**Mogħża** (*Diplodus puntazzo*)<br>**Sargu** (*Diplodus sargus*)<br>**Xirgien** (*Diplodus vulgaris*)<br>**Ċerna** (l-ispeċijiet *Epinephelus*)<br>**Stripped sea bream** (*Lithognathus mormyrus*)<br>**Spanish sea bream** (*Pagellus acarne*)<br>**Paġella ħamra** (*Pagellus bogaraveo*)<br>**Paġilla** (*Pagellus erythrinus*)<br>**Pagru komuni** (*Pagrus pagrus*)<br>**Ħanżir tal-fond** (*Polyprion americanus*)<br>**Lingwata komuni** (*Solea vulgaris*)<br>**Awrat** (*Sparus aurata*) | GNS, GN, GND, GNC, GTN, GTR, GEN | Il-pariti u l-għeżula kollha | Il-qabdiet kollha huma soġġetti għall-obbligu tal-ħatt l-art |
| **Pellegrini** (*Pecten jacobaeus*)<br>**Vongole** (l-ispeċijiet *Venerupis*)<br>**Gandoffli ta' Venere** (l-ispeċijiet *Venus*) | HMD | Il-gangmi mekkanizzati kollha | Il-qabdiet kollha huma soġġetti għall-obbligu tal-ħatt l-art |
| **Skampu** (*Nephrops norvegicus*)<br>**Awwisti** (*Homarus gammarus*)<br>**Awwisti mxewka** (*Palinuridae*) | FPO, FIX | In-nases u x-xbieki tat-tidwir kollha | Il-qabdiet kollha huma soġġetti għall-obbligu tal-ħatt l-art |

2. **Il-Baħar Adrijatiku**

| L-attività tas-sajd | Il-kodiċi tal-irkaptu | Deskrizzjoni tal-irkaptu tas-sajd | L-obbligu tal-ħatt l-art |
|---|---|---|---|
| **Merluzz** (*Merluccius merluccius*)<br>**Trill tal-qawwi u trill** (l-ispeċijiet *Mullus*)<br>*Il-kodiċijiet tal-FAO: MUT, MUR, MUX*<br>**Skampu** (*Nephrops norvegicus*)<br>**Gamblu abjad** tal-Mediterran (*Parapenaeus longirostris*)<br>**Spnotta** (*Dicentrarchus labrax*)<br>**Sparlu** (*Diplodus annularis*)<br>**Mogħża** (*Diplodus puntazzo*)<br>**Sargu** (*Diplodus sargus*)<br>**Xirgien** (*Diplodus vulgaris*)<br>**Ċerna** (l-ispeċijiet *Epinephelus*)<br>**Stripped sea bream** (*Lithognathus mormyrus*)<br>**Spanish sea bream** (*Pagellus acarne*)<br>**Paġella ħamra** (*Pagellus bogaraveo*) | OTB, OTT, PTB, TBN, TBS, TB, OT, PT, TX | Ix-xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ kollha | Il-qabdiet kollha huma soġġetti għall-obbligu tal-ħatt l-art |

▼M3

| L-attività tas-sajd | Il-kodiċi tal-irkaptu | Deskrizzjoni tal-irkaptu tas-sajd | L-obbligu tal-ħatt l-art |
|---|---|---|---|
| **Paġilla** (*Pagellus erythrinus*)<br>**Pagru komuni** (*Pagrus pagrus*)<br>**Ħanżir tal-fond** (*Polyprion americanus*)<br>**Lingwata komuni** (*Solea vulgaris*)<br>**Awrat** (*Sparus aurata*)<br>*Qabdiet aċċessorji ta':*<br>**Inċova** (*Engraulis encrasicolus*)<br>**Sardin** (*Sardina pilchardus*)<br>**Kavall** (l-ispeċijiet *Scomber*)<br>**Sawrell** (l-ispeċijiet *Trachurus*) | | | |
| **Merluzz** (*Merluccius merluccius*)<br>**Spnotta** (*Dicentrarchus labrax*)<br>**Sparlu** (*Diplodus annularis*)<br>**Mogħża** (*Diplodus puntazzo*)<br>**Sargu** (*Diplodus sargus*)<br>**Xirgien** (*Diplodus vulgaris*)<br>**Ċerna** (l-ispeċijiet *Epinephelus*)<br>**Stripped sea bream** (*Lithognathus mormyrus*)<br>**Spanish sea bream** (*Pagellus acarne*)<br>**Paġella ħamra** (*Pagellus bogaraveo*)<br>**Paġilla** (*Pagellus erythrinus*)<br>**Pagru komuni** (*Pagrus pagrus*)<br>**Ħanżir tal-fond** (*Polyprion americanus*)<br>**Lingwata komuni** (*Solea vulgaris*)<br>**Awrat** (*Sparus aurata*) | LL, LLS, LLD, LX, LTL, LHP, LHM | Il-konzijiet kollha | Il-qabdiet kollha huma soġġetti għall-obbligu tal-ħatt l-art |
| **Merluzz** (*Merluccius merluccius*)<br>**Trill tal-qawwi u trill** (l-ispeċijiet *Mullus*)<br>*Il-kodiċijiet tal-FAO: MUT, MUR, MUX*<br>**Lingwata komuni** (*Solea vulgaris*)<br>**Awwisti** (*Homarus gammarus*)<br>**Awwisti mxewka** (*Palinuridae*)<br>**Spnotta** (*Dicentrarchus labrax*)<br>**Sparlu** (*Diplodus annularis*)**Mogħża** (*Diplodus puntazzo*)**Sargu** (*Diplodus sargus*)<br>**Xirgien** (*Diplodus vulgaris*)<br>**Ċerna** (l-ispeċijiet *Epinephelus*)<br>**Stripped sea bream** (*Lithognathus mormyrus*)<br>**Spanish sea bream** (*Pagellus acarne*)<br>**Paġella ħamra** (*Pagellus bogaraveo*)<br>**Paġilla** (*Pagellus erythrinus*)**Pagru komuni** (*Pagrus pagrus*)<br>**Ħanżir tal-fond** (*Polyprion americanus*)<br>**Lingwata komuni** (*Solea vulgaris*)<br>**Awrat** (*Sparus aurata*) | GNS, GN, GND, GNC, GTN, GTR, GEN | Il-pariti u l-għeżula kollha | Il-qabdiet kollha huma soġġetti għall-obbligu tal-ħatt l-art |

▼M3

| L-attività tas-sajd | Il-kodiċi tal-irkaptu | Deskrizzjoni tal-irkaptu tas-sajd | L-obbligu tal-ħatt l-art |
|---|---|---|---|
| **Pellegrini** (*Pecten jacobaeus*)<br>**Vongole** (l-ispeċijiet *Venerupis*)<br>**Gandoffli ta' Venere** (l-ispeċijiet *Venus*) | HMD | Il-gangmi mekkanizzati kollha | Il-qabdiet kollha huma soġġetti għall-obbligu tal-ħatt l-art |
| **Skampu** (*Nephrops norvegicus*)<br>**Awwisti** (*Homarus gammarus*)<br>**Awwisti mxewka** (*Palinuridae*)<br>**Spanish sea bream** (*Pagellus acarne*)<br>**Paġella ħamra** (*Pagellus bogaraveo*)<br>**Paġilla** *(Pagellus erythrinus)***Pagru komuni** (*Pagrus pagrus*)<br>**Sparlu** (*Diplodus annularis*)**Mogħża** (*Diplodus puntazzo*) **Sargu** (*Diplodus sargus*)<br>**Xirgien** (*Diplodus vulgaris*) | FPO, FIX, FYK | In-nases, ix-xbieki tat-tidwir u x-xbieki fyke kollha | Il-qabdiet kollha huma soġġetti għall-obbligu tal-ħatt l-art |

3. **Ix-Xlokk tal-Baħar Mediterran**

| L-attività tas-sajd | Il-kodiċi tal-irkaptu | Deskrizzjoni tal-irkaptu tas-sajd | L-obbligu tal-ħatt l-art |
|---|---|---|---|
| **Merluzz** (*Merluccius merluccius*)<br>**Trill tal-qawwi u trill** (l-ispeċijiet *Mullus*)<br>*Il-kodiċijiet tal-FAO: MUT, MUR, MUX*<br>**Skampu** (*Nephrops norvegicus*)<br>**Gamblu abjad** tal-Mediterran (*Parapenaeus longirostris*)<br>**Spnotta** (*Dicentrarchus labrax*)<br>**Sparlu** (*Diplodus annularis*)<br>**Mogħża** (*Diplodus puntazzo*)<br>**Sargu** (*Diplodus sargus*)<br>**Xirgien** (*Diplodus vulgaris*)<br>**Ċerna** (l-ispeċijiet *Epinephelus*)<br>**Stripped sea bream** (*Lithognathus mormyrus*)<br>**Spanish sea bream** (*Pagellus acarne*)<br>**Paġella ħamra** (*Pagellus bogaraveo*)<br>**Paġilla** (*Pagellus erythrinus*)<br>**Pagru komuni** (*Pagrus pagrus*)<br>**Ħanżir tal-fond** (*Polyprion americanus*)<br>**Lingwata komuni** (*Solea vulgaris*)<br>**Awrat** (*Sparus aurata*)<br>*Qabdiet aċċessorji ta':*<br>**Inċova** (*Engraulis encrasicolus*)<br>**Sardin** (*Sardina pilchardus*)<br>**Kavall** (l-ispeċijiet *Scomber*)<br>**Sawrell** (l-ispeċijiet *Trachurus*) | OTB, OTT, PTB, TBN, TBS, TB, OT, PT, TX | Ix-xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ kollha | Il-qabdiet kollha huma soġġetti għall-obbligu tal-ħatt l-art |

▼M3

| L-attività tas-sajd | Il-kodiċi tal-irkaptu | Deskrizzjoni tal-irkaptu tas-sajd | L-obbligu tal-ħatt l-art |
|---|---|---|---|
| **Merluzz** (*Merluccius merluccius*)<br>**Spnotta** (*Dicentrarchus labrax*)<br>**Sparlu** (*Diplodus annularis*)**Mogħża** (*Diplodus puntazzo*)<br>**Sargu** (*Diplodus sargus*)<br>**Xirgien** (*Diplodus vulgaris*)<br>**Ċerna** (l-ispeċijiet *Epinephelus*)<br>**Stripped sea bream** (*Lithognathus mormyrus*)<br>**Spanish sea bream** (*Pagellus acarne*)<br>**Paġella ħamra** (*Pagellus bogaraveo*)<br>**Paġilla** (*Pagellus erythrinus*)<br>**Pagru komuni** (*Pagrus pagrus*)<br>**Ħanżir tal-fond** (*Polyprion americanus*)<br>**Lingwata komuni** (*Solea vulgaris*)<br>**Awrat** (*Sparus aurata*) | LL, LLS, LLD, LX, LTL, LHP, LHM | Il-konzijiet kollha | Il-qabdiet kollha huma soġġetti għall-obbligu tal-ħatt l-art |
| **Merluzz** (*Merluccius merluccius*)<br>**Trill tal-qawwi u trill** (l-ispeċijiet *Mullus*)<br>*Il-kodiċijiet tal-FAO: MUT, MUR, MUX*<br>**Lingwata komuni** (*Solea vulgaris*)<br>**Awwisti** (*Homarus gammarus*)<br>**Awwisti mxewka** (*Palinuridae*)<br>**Spnotta** (*Dicentrarchus labrax*)<br>**Sparlu** (*Diplodus annularis*)<br>**Mogħża** (*Diplodus puntazzo*)<br>**Sargu** (*Diplodus sargus*)<br>**Xirgien** (*Diplodus vulgaris*)<br>**Ċerna** (l-ispeċijiet *Epinephelus*)<br>**Stripped sea bream** (*Lithognathus mormyrus*)<br>**Spanish sea bream** (*Pagellus acarne*)<br>**Paġella ħamra** (*Pagellus bogaraveo*)<br>**Paġilla** (*Pagellus erythrinus*)<br>**Pagru komuni** (*Pagrus pagrus*)<br>**Ħanżir tal-fond** (*Polyprion americanus*)<br>**Lingwata komuni** (*Solea vulgaris*)<br>**Awrat** (*Sparus aurata*) | GNS, GN, GND, GNC, GTN, GTR, GEN | Il-pariti u l-għeżula kollha | Il-qabdiet kollha huma soġġetti għall-obbligu tal-ħatt l-art |
| **Skampu** (*Nephrops norvegicus*)<br>**Awwisti** (*Homarus gammarus*)<br>**Awwisti mxewka** (*Palinuridae*)<br>**Spanish sea bream** (*Pagellus acarne*)<br>**Paġella ħamra** (*Pagellus bogaraveo*)<br>**Paġilla** (*Pagellus erythrinus*)<br>**Pagru komuni** (*Pagrus pagrus*)<br>**Sparlu** (*Diplodus annularis*)<br>**Mogħża** (*Diplodus puntazzo*)<br>**Sargu** (*Diplodus sargus*)<br>**Xirgien** (*Diplodus vulgaris*) | FPO, FIX, FYK | In-nases, ix-xbieki tat-tidwir u x-xbieki fyke kollha | Il-qabdiet kollha huma soġġetti għall-obbligu tal-ħatt l-art |